# FIT-TVERNA TA' KURUN

Kummidja

ta'

Ġorġ Zammit.

I Episodju: Wenzu f'dixgħajn l-għadu.

II Episodju: L-imħatra.

claude borg mssp

26.10.74

I Episodju: Wenzu f'dirghajm l-ghadu

jieħdu sehem

Narratur

Spiru

Wenzu

Kurun

II Episodju: **L-Imħatra.**

jieħdu sehem

Narratur

Għannej (Raġel)

Ġirgor

Ġakbu

Wenzu

Kurun

Rożi

Kappillan

Tabib

Mara (Lola)

L-ewwel Episodju.

"Wenzu f'dirgħajn l-għadu."

Narratur.

Signature tune. Fade out.

Darba f'mitt sena tmiss lill-Papa, igħidu. U għalkemm Wenzu ma kienx Papa, darba messet lilu wkoll. Jew għax kienet waslitilha xi waħda milli kien jigdilha hu, jew għax hekk kellu jkun, żolli ħadet riħ li kien tefagħha fis-sodda għal xi erbat ijiem ġmielhom, u billi ma kellha 'l ħadd min idur biha, kellha tmur idur biha Rożi. U hekk Wenzu, għal ftit taż-żmien, sab ruħu fil-libertà li jidħol u joħroġ x'ħin irid, ilegleg kemm jgħoġbu, u jirtira d-dar dritt jew imxengel mingħajr biża' ta' tgergir minn għand Rożi, jew ta' dak l-ilsien ta' lifa ta'

Żolli jekk tinżerta tkun qegħda tqatta' xi jumejn għandhom.

Li l-marda ta' Żolli ma kellhiex iddum, Wenzu kien jaf tajjeb, l-ewwelnett għax Żolli kellha sebat erwieħ bħall-qtates, u t-tieni għax biex tikkura l-irjieħ Rożi ma kien ibattiha ħadd. Kienet tibda billi taħraq iż-żebbuġ ħalli tbaħħar id-dar tal-marid biex jekk ir-riħ ikun ġej minn xi għajn ħażina, taqta' qata' mal-ewwel fil-laħam il-ħaj; jekk imbagħad tara li bit-tbaħħir ir-riħ baqa' l-istess kienet tiftaħ il-batterija tagħha u tixwi lill-paċjent
b'kalzetti mimlijin bil-melħ inkaljat,
flanelli msaħħnin mat-tubu tal-lampa
karti taz-zokkor imtaqqbin,
miksijin biż-żejt jagħli u mpoġġijin fuq is-sider u d-dar tal-paċjent;

fintusi, ġbajjar tan-nuħħala u muntanja kutri u ġlekkijiet qodma għall-għaraq.....

Wenzu, li kien jaf x'issarraf martu bħala tabiba, ipprofitta ruħu kemm seta' .... u l-imbit ta' Kurun kien sar għalih dak li hu l-ilma għall-papru - ftit kien jonqsu biex jidħol igħum f'xi bettija biex l-imbit jixorbu mhux biss minn ħalqu, imma anki mill-pori.

Arloġġ idoqq it-tlieta.

It-tlieta ta' wara nofsinhar.

Jinfetaħ is-separju.
I Xena. Kurun u Wenzu.

Narratur | Kurun wara l-bank qiegħed jongħos
Jinstemgħa l-inħir. Waħdu, waħdu

fuq mejda f'rokna tal-ħanut qiegħed
isefsef ftit ftit il-pinta ta' qabel ta'
l-aħħar.

2 Xena. Spira u l-istess.

~~Spira~~ jidħol jogħrok għajnejh
mgħammxin mid-dawl ta' barra
biex jara min kien hemm ġewwa.
Mingħajr ma qajjem lil Kurun

Wenzu Poġġi, ħabib, poġġi.
Ser inferralek tazza mbid.

Spira Kont nixrob miegħek bil-qalb kollha,
imma mhux illum, għax il-qadja li
għaliha ġejt f'dan ir-raħal hi ħaġa
li ma tistax tistenna!

Wenzu kurjuż: Mela x'qadja hi?

Spira Ngħidlek, forsi int tista' taqdini.

Wenzu: Mhux li kont! Jekk hu xogħol ta' mastrudaxxa, li trid, nista' ngħidlek li jien....

Spiru: Le, mhux xogħol ta' l-injam.

Wenzu: Mela trid forsi xi ħadd jikejjillek ir-raba, jew jagħmillek xi senserija, jew idoqqlok xi solo fuq it-trumbun kantabbli jew fuq il-bumbardun...

Spiru: Żomm! Żomm, int idoqq fil-banda?

Wenzu: Min, jien?.. Ma sifritx banda Maltija dawn l-aħħar snin li ma ħaditx lili għas-solijiet. Il-banda tagħna, min-għajri, tista' żżarma!

Spiru: Wasalna fejn kelna naslu. Ġo r-raħal tiegħi, Ħas-Salaw, din is-sena fiħsiebhom jagħmlu festi li ma jintesew qatt, għaċ-ċentinarju ta' Santa Paċenzja.

Wenzu Naturalment trid taqla' xi banda?

Spiru Billi nafu li f'dan ir-raħal hawn żewġ baned, it-tnejn tajbin, il-Banda tat-Trux...

Wenzu U l-Banda ta' Wiġu!

Spiru Bravu għalik! Taf tgħidli liema hi l-aħjar?

Wara li jagħti daqqa t'għajn lil Kurun u jaraħ għadu rieqed:

Wenzu Jekk trid l-aħjar banda, sinjur...

Spiru Ħallik minn sinjur, sejjaħli Spiru.

Wenzu Mela jekk trid l-aħjar banda, Spir, ma stajtx tiltaqa' ma' wieħed aħjar minni. Issa' tgħid li miżillek mis-sema l-ġobon fuq l-

ghaġin. Il-Banda tiegħi hi l-aħjar. U bil-provi. Mhux hi kienet li rebħet l-aħħar erba' Konkorsi? Mhux hi l-aħħar li daqqet fil-festi ta' Katanja u ta' Noto u qalgħet l-akbar applawsi..

Spiru

Żomm, żomm. Naħseb li ftehmna. Ista' tgħid lis-Surmast tagħkom biex jibda jlesti l-kunċerti u jaħsbilna għal programm kif jidhirlu hu. Jiena, intant nista' mmur. Għada tirċievu ittra minn għand il-Kumitat tal-festa tagħna.

Wenzu

Ma tiħux bela qabel tmur? Hawn issib bela' mbid tirxoxta mejjet.

Spiru

Bela bħal issa? Le, aħjar nitlaq, u nsib lil sieħbi f'tarf ir-raħal, fejn waqaf biex jgħabbi s-silla fuq il-karettun tiegħu.

Iqumu flimkien, u flimkien joħorġu wara dan l-aħħar kliem.

Wenzu — Kif jgħoġbok.

Spiru — Nibqgħu hekk mela.

Wenzu. — Niltaqgħu Has-Salaw għall-festa ta' Santa Paċenzja! Joħorġu.

3 Xena. Kurun waħdu
Imbagħad Spiru.

Malli sab ruħu waħdu, Kurun, qam u beda jberren fuq dak li sema':

Kurun — Mela l-Banda ta' Wiżu aħjar minn tagħna, eh? Obsor għalih li Wenzu, ja biċċa ta' grottlu; tarref kemm felaħ għax tasibni rieqed. Imma nqegħdu jien, ja ħatba ta' l-infern li hu! Inaddaf l-imwejjed

Imma kif naghmel biex nisfrattalu kollox?

Jidħol Spiru.

Kurun — X'għandek bżonn, ħabib?

Spiru — Sieħeb, kien hawn wieħed ma tafx tgħidli fejn insibu, hux? Qalli li hu jdoqq bumbardun mal-banda tiegħu. Dam siegħa jgħidli li l-banda tiegħu hi aħjar mill-baned l-oħrajn kollha, u ma qallix x'jisimgħa, jekk hix ta' Wizu jew tat-Trux.

Kurun — Ara, ħabib, jien għandi jidħol kulħadd, għax jien bil-ħanut. L-aħħar tnejn li kien hawn, ordnaw l-imbit u ħallsu Imbagħad irqadt. X'qallek li jismu?

Spiru — Anqas x'jismu hu, ma qalli. Qalli biss li hu l-aħjar bumbardun, u li l-

banda kiegħu hi l-aħjar tar-raħal.

Kurun — Mela, ma kienx ħadd ħlief Ġakbu s-sagristan, li jdoqq bumbardun mal-Banda tat-Trux.

Spiru — Int ma' liema Banda żżomm?

Kurun — Jien? Jien kif għedtlek imbit inbiegħ. M'għandix partiti, għax ma' kulħadd irrid ngħix.

Spiru — Ma tgħamillix pjaċir, hux tagħtini l-indirizz tal-Każin tat-Trux?

Kurun — Mela le! fuq karta taż-żokkor Kurun jagħtih l-indirizz.

Spiru — Grazzi, ħabib, grazzi. Jitlaq.

Music - Fade out

Narrator — Ilkoll kisteġħu taħsbu x'ġara f'Ħas-

Salaw dak in-nhar tal-festa meta ż-żewġ baned sabu ruħhom fuq l-istess plančier ... Povru Wenzu! ... addio uniformi u addio bumbardun ... Wenzu dabbar rasu u ħelisha ħafif ...

Fade in - Fade out.

Mill-ġdid qegħdin fit-taverna ta' Kurun.

•• It-tieni episodju.
"L-imħatra"

Hawn tista' tgħid, ta' kuljum, kienu jiltaqgħu l-irjus kbar tar-raħal ... Ġaklu s-sagristan, Ġirgor il-gabillott, is-Sur Ġismond, l-ispiżjar, u Wenzu l-bumbardier ... mhux l-ewwel darba li Kurun kellu jagħmilha ta' mħallef biex jagħti s-sentenza u jgħid min hu r-rebbieħ ta' xi mħatra li tkun saret ...

Illum Kurun se jħalliha f'idejkom
u taraw il-pika f'hiex daħħlituf ma'
Rozi tiegħu. lil Wenzu

1 Xena. Għannej, Ġirgor, Ġakbu
Wenzu u Kurun.

Waqt li n-Narratur ikun jaqra l-
parti tiegħu l-għannej, Ġirgor u
Ġakbu u Wenzu jidħlu in xena.
Kurun iservihom.

Għannej

Fejn ġibuni l-lejla ngħanni
Bejn tas-Sliema u San Ġiljan

Ġirgor

Ah, Kurun newwilli pinta
u pint'oħra għas-Sagristan.

Ġakbu

Brawu Ġor, tiej, kemm taf tqabbel.
Kurun tiegħi agħtiha l-Wenzu...
Xi tgħid Wenz, jew ma tridx kliem
fuq ta' Ħas-Salaw?!

Wenzu | Li kien għadda u miet!
Ma tafx li xebgħa ġebel aħjar
minn xebgħa lsien ta' Rożi jew Żolli?

Ġirgor | Ħallukom mill-kliem
ejjew nixorbu flimkien.

Ġakbu | Jien aħjar ma nixrobx iżjed,
għax nibża' li ma nqumx għal ta'
l-ewwel, għada. Imbagħad kollox
xagħrek u ġib iż-żejt... min jaf
x'jagħmilli l-Kappillan.

Ġirgor | U x'ma tqumx, ma tqumx!
Igħidu li jien, għall-imbit, bir,
imma int bir bla qiegħ!..
Għamlilna Kurun!

Wenzu | (U jien ħsibt li m'hawnx min
igħaddini!) Wenzu ġa nofsu rieqed.

Ġakbu | Tajjeb; nixorbu pinta oħra, imma

| | |
|---|---|
| | inħallas jien, eh? |
| Wenzu | Le, lili jmiss. |
| Ġirgor | Kif tħallsu intom; mela mhux jien offrejt? |
| Ġakbu | U billi offrejt int? Mela aħna se nfittxu dan, bejnitna! Ferra' Kurun. |
| Kurun | Dalwaqt magħkom. iservihom. L-imbit hawn. |
| Ġakbu | Żomm minn hawn, Kurun. |
| Ġirgor | Ara, Kurun, għax niksruha. |
| Kurun | Isma' hej, jien għandi x'nagħmel. Għollu s-sold min jirbaħ iħallas. |
| Ġirgor | Tajjeb is-sold hawn. X'tagħżel 'ncuħ' |

| | |
|---|---|
| | jew 'irġejjen'? |
| Ġakbu | Hawwad int, Ġorġ. |
| Girgor | Mela 'uċuħ' nirbaħ jien, u 'rġejjen' titlef int. Tajjeb? |
| Ġakbu | Tajjeb, għolli. |
| Girgor | jgħolli s-sold: Irġejjen! Intallas jien. |
| Ġakbu | Hej, int m'għedtlix li 'uċuħ' tirbaħ int! |
| Girgor | Iva. |
| Ġakbu | Mela kif ġejna 'rġejjen' u trid tħallas int? |
| Girgor | Għax jien għedt: "uċuħ" nirbaħ jien, u 'rġejjen' titlef int. |
| Ġakbu | Mela jien dejjem tellief. Brav tiegħek, għamiltieli... tiegħek għaddiet, Ġorġ. |

Wenzu | Kif kaddtuli rasi ... ftehmtu fl-aħħar

Ġakbu | Wenz, rasek mhux aħna ħadnielek, imma dak l-imbit li qed tlegleg.

Tinstema' nofs il-lejl idoqq:

Wenzu | X'kin hu Ġirgor?

Ġirgor | Nofs-il lejl!

Wenzu | Nofs-il-lejl eh?!.. Hallejtkom ħbieb għax Rozi żgur qaflitni barra!...
Joħroġ.

Ġakbu | Aħna dalwaqt nagħmlu bħalek.

Ġirgor iħallas lil Kurun.
Ġakbu u Ġirgor isellmu. Music.
Kulħadd iwarrab.
Tinftetaħ it-tieni purtiera. Rozi rieqda f'sodda. Sveljarin iċekċek!

## 2 Xena. Wenzu u Rozi.

Wenzu jidħol inkiss inkiss u jintefa' fis-sodda tiegħu bil-ħwejjeġ b'kollox....

Wenzu jibda' jonħor.

Rozi — titqalleb: Ara xi beċċjeċ! Rajtux, ħej, is-sinjur. Daħal, raqad, u anqas biss ittenda li ħalla l-bieb ta' barra miftuħ. Wenz.. Wenz... Tridx tqum minn hemm?

Wenzu — mitluf fin-ngħas: Eh!..x'ġara?

Rozi. — Dalwaqt ngħidlek x'ġara. Għandek wiċċ tidħol u tħalli l-bieb ta' barra miftuħ? Isthi ja raġel bla żejt! Tħallini rieqda qisni barra fit-triq. Anzi martek. Mela li ma kontx martek x'kont tagħmel?

| | |
|---|---|
| Wenzu | U li ma kontx marti, kont se tkun hawn? |
| Rożi. | Tejn naf... insomma hej, ara x'għandek tagħmel issa, tiklifx żmien. |
| Wenzu | Sewwa qed tgħid. Dan kollu żmien mitluf. Issa hin l-irqad. Ōħlom sabiħ, Roż! |
| Rożi | Imbagħad igħidu li l-ħrejjef mhumiex minnhom! Jorqodlok frisk bħal ħassa, u anqas jindenja ruħu jmur jagħlaq il-bieb li hu stess ħalla miftuħ. |
| | Wenzu jibda jonħor. |
| Rożi | Wenz!.. Wenz! |
| Wenzu | U xi trid? |
| Rożi. | Int kaf x'irrid! Mur agħlaq dak il-bieb. |

Wenzu | U orqod, ghax jien mejjet bil-ghajja.

Rozi | Iva, dazzgur. Ma tidhirx mill-ħmura ta' mnieħrek biex int għajjien.

Wenzu | Se nqum għalik taf!

Rozi | Għajnu ħamra t-ton, il-lejla!

Wenzu | Aħjar norqod bi kwieti, minflok naqbad fik.... jonħor.

Rozi | Jagħmillek demmek ilma, eh?! Int se tqum, ja sakranazz! Taħsibx li se nħallik torqod jekk ma tagħmilx li qed ngħidlek jien. Wenz!.. Wenz! iċċaqlaqlu s-sodda.

Wenzu | U xil-frieghen trid. Mela trid tiksirli għonqi l-lejla?

Rozi | Rasek b'dak il-buqar niksirlek jekk

ma tqumx kaghlaq.

Wenzu — Ma rridx immur naghlaq. Mur int.

Rożi — Mela xi' naghmel, immur jien, eh? Mara ta' l-eta' tieghi. Ma tisthix, wara li qeghda nsefter mieghek mid-dlam sad-dlam!

Wenzu — U jekk int xiha, jien xi ġuvnott, jewwilla?.. U ma bdejtx insammar, u nġannat, u niċċana minn qabel ma sebah?.. Orqod isa.

Rożi — Bil-bieb miftuh?

Wenzu — Ahna fqar, m'ghandniex x'jehdulna.

Rożi — Ghandaa u m'ghandniex, jien ma rridx norqod bil-bieb miftuh.

Wenzu — Mela mur ghalaq.

Rożi. | Mur għalaq int, għax int ħallejt miftuħ.

Wenzu | U jekk nieħu xi ċmajra u nitgerbeb lejn id-dinja l-oħra? Ara, kemm tibkini, kieku, eh, Roż?

Rożi | Inti sejjer tagħlaq, jew se nibgħatek id-dinja l-oħra jien?

Wenzu | Jaħasra diġa għedtlek; jien ma rridx inqum mis-sodda biex immur nagħlaq.

Rożi | Hekk ikollok tmur.

Wenzu | Nini nini, Roż.

Rożi | Aktar milli għandek ħsieb int, ikollok tmur.

Wenzu | Iridx nagħmillek imħatra li jkollok

tagħlaq int?

Rożi — U kif, sur Xmara taʼ għerf?

Wenzu — Kif se ngħidlek jien. Iftaħ widnejk sewwa u ismagħni, Rożi.

Rożi — U isa, aqlagħha, se ddum ġej.

Wenzu — Ara Roż, nagħtu kelma lil xulxin li ħadd minna ma jitniffes... la int, anqas jien. Min minna jiftaħ fommu l-ewwel u jgħid imqar kelma, ikollu jmur jgħalaq. X'jidhirlek? Tgħoġbok il-partita?

Rożi — Ma tantx...

Wenzu — Hi, hi! Mela qed tibżaʼ li m'intix kapaċi żżomm ilsienek f'postu?

Rożi La qed iddaħħalni fil-pika, nwrik li kapaċi nżomm is-skiet aħjar minnek.

Wenzu Issa qed tagħtini pjaċir. Ħadet?

Rożi Ħadet!

Jaqa' skiet perfett. Ma jinstemax ħlief it-tektik tal-arloġġ....

3 Xena Ġakbu u Ġirgor.

Ġakbu u Ġirgor ikunu sejrin lura d-dar wara li kienu għalaq il-ħanut.

Ġakbu Imma jien qed nara sew!

Ġirgor Possibli li wara xarba nbit bħal dik Wenzu qed jisgħar!

Ġakbu Afli din tal-bieb miftuħ qed tħas.

sibni ħażin!

Ġirgor — Aħna x'nitilfu mbilli nagħtu titwila.

Bil-mod il-mod jersqu lejn Wenzu u Rożi.

Ġakku — Wenz!.. Wenz!... Wenz!

Ġirgor — Roż!.. Roż!.. Roż!

Ġakku — Ara x'kull storja

Ġirgor — Issa huma reġgħu qegħdin qejshom żewġt itrief.

Ġakku — Qum issa Wenz... Wenz.. Wenz... Alli dan mhux rieqed...

Ġirgor — U biex ingħidlek Rożi anqas nifs m'hi tieħu!..

Ġakbu | Wenz int mejjet?!

Ġirgor | Roz iva int lanqas titkellem?!

Ġakbu | Kif il-frieghen marru f'salt. Ġirgor int igri ghat-tabib u jien immur ghall-kappillan.

4 Xena. Ġakbu u Ġirgor jeraqu fuq quddiem tal-palk, Ġakbu jmur naħa, Ġirgor oħra.

Ġakbu u l-Kappillan it-tnejn minn ġewwa.

Ġakbu | iħabbat il-bieb: Sur kappillan, sur Kappillan.

Kapp. | tinstema' tieqa tinfetaħ. Min hemm?

Ġakbu | Jien.. Ġakbu... Isa malajr!

**Kapp.** X'gara?

**Ġakbu** Wenzu ... u Rożi ... it-tnejn!

**Kapp.** Korrew!

**Ġakbu** Mietu! .. Isa, ara x'tista' tagħmel.

**Kapp.** Għat-tabib mort?

**Ġakbu** Iva, mar Ġirgor.

**Kapp.** Arani ġej.

## 5 Xena. Raġel u Mara.

(l-Għannej[1])

**Raġel** *jidħol in xena ma' Mara:*
X'inqala kemm hawn ġiri?

**Mara** Rajt il-Ġakbu jiġri għal għand il-kappillan!

Rağel | Hawn xi ħadd qed jerfa'

Mara | Wenzu u Rożi!

Rağel | Mietu! Mietu t-tnejn flimkien! Mur għidlu l-Wenzu li ftit ilu kien qed jixrob miegħi, li dik kellha tkun l-aħħar xarba tagħna flimkien.

Mara | Ara ftit, qishom reqdin! Jaħasra kienu qishom żewġt ibċiċen!

Rağel | Żewġ bċiċen, jew kelb u qattus?

Mara | Iskot, il-sien ħażin. Mhux anke l-imsaren fiż-żaqq ikollhom xi jgħidu? Tant kienu jinħabbu li mietu flimkien.

6 Xena. Ġakbu u l-Kappillan.

Ġirgor u t-Tabib, u l-istess.

Ġakbu — Warrbu. Hawn il-kappillan u t-tabib.

Tabib — Tiffullawx fuq is-sodod. Kappillan, jien se neżaminhom ftit, biex nara hux il-kas li tagħmlilhom is-Sagramenti.

Kapp. — Aħjar. Intom intant, flok tlabalbu għidu xi talba.

Tabib — Hawn Wenzu għadu ħaj! Mohhu u idejh għandhom temperatura normali. U anke l-polz jaħdem regolari. Din x'biċċa hi?...
U Rozi?... Ara!.. Rozi l-istess.
Ma nistax nifhem kif għadhom ħajjin u normali t-tnejn u tilfu s-sensi kollha għal kollox.
Wenz! Rozi! Wenzu! Rożi!

Li kont minnek swr Kappillan kont
naghmlilhom il-Grizma. Jien sa
dan it-tant se mmur sàd-dar, biex
nara nsibx xi rimedju halli nqaj-
muhom mill-koma li jinsabu fiha
... jekk hi koma, ghax emminni,
kas bhal dan qatt ma kelli....
it-tabib iwarrab.

Kapp. Tajjeb wisq....
Ġakbu newwilli l-istola.

Mara Ara ftit kif kellhom jintemmu
Wenzu u Rożi.

Kapp. Mela, nibdew minn Wenzu.
Wenz, Wenz qieghed tismani?!..
Jekk qed tismani, Wenz, ghamilli
sinjal imqar b'rasek... Ġakbu
qabel nibdew, ikxiflu riġlejh ghal
liet.

**Ġakbu** Iva sur Kappillan... isibu biż-żarbun b'kollox.. tassew tah tass tiegħi bl-ikrah għax inxtehet biż-żarbun b'kollox....

**Ġirgor** Neħħilu ż-żarbun Ġakbu.

**Ġakbu** Imma sur kappillan dawn ir-riġlejn maħmuġin wisq... mhux aħjar ngħaddihomlu ftit kemm inneħħilu ftit akar!

**Kapp.** Aħjar le, fl-istat li hu.

Jidħol it-tabib mill-ġdid

**Kapp.** Oqgħod ara t-tabib reġa ġej. X'jidhirlek tabib? Igħid nagħmlulu l-ħsara jekk ngħaddulu ftit riġlejh?

**Tabib** Il-polz għadu perfett. Naħseb li

gid taghmlulu jekk tnaddfulu
dawk saqajh inkallati ...
Xarrab ~~da~~ xugaman f'dak il-
friskatur, Ġakbu. Tista' tuża
anke dik is-sapuna jekk trid.

**Ġakbu** Kif tgħidli, tabib. *Iferra' l-ilma, eċċ.*

**Mara** Phu, miskin xi ħmieġ kienet
tħallih fih. Kont naħsibha
tiehu aktar ħsiebu, lil Rożi! ...

**Rożi** Isa Lol, Avolja ħsibtni mejta
għadek bil-lanżit għalija minn
meta ma rnexxilekx tiehu 'l
Wenzu? Imma f'wiċċek baqa'!

**Wenzu.** Ajma, għall-erwieħ. Qum isa, Rożi,
mur għalaq il-bieb, għax int tkel-
limt l-ewwel. Il-aħħar gibt waħda
żewġ!

B'ghageb ta' kulhadd, Rozi taqbez mis-sodda biex taghlaq il-bieb ... SEPARJU.